MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2010

Avviz Numru. 402/2002

**John Mary Casha**

**Vs**

**Joseph Casha**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avviz ipprezentat mill-attur permezz ta’ liema jitlob li l-konvenut jigi ikkundannat jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-proprjetà, li hija l-parti 5 ta’ l-ghalqa “Ta’ Ciaccar”, kontrada tal-Bidni, limiti ta’ Haz-Zabbar, li tmiss mal-proprjetà 4, Triq il-Bidni, Marsascala, minnu okkupata bla titolu billi tali proprjetà tinsab imqabbla ghand l-attur; bl-ispejjez kontra l-konvenut. Ghal finijiet ta’ kompetenza gie dikjarat li l-valur lokatizju tal-proprjetà huwa ta’ mhux aktar minn Lm50, illum ekwivalenti ghal €116.46;

Rat in-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet tal-konvenut permezz ta’ liema jeccepixxi: (1) in linea preliminari, in-nullità ta’ l-Avviz billi ma hemmx indikazzjoni preciza minn liema

proprjetà l-attur qieghed jitlob l-izgumbrament tieghu; (2) minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, illi Anthony Casha, missier il-kontendenti llum mejjet, ikkoncedielu l-proprjetà in kwistjoni sabiex ighix fiha u juzaha sa' mewtu; (3) illi l-pretensjonijiet ta' l-attur huma infondati fil-fatt u fid-dritt billi huwa ilu joqghod u jirrisjedi b'mod regolari fil-proprjetà in kwistjoni ghal dawn l-ahhar sitta u tletin (36) sena; (4) illi huwa akkwista l-imsemmija proprjetà ai termini tal-preskrizzjoni akwisittiva ta' ghaxar snin u/jew ta' tletin sena; u li fi kwalunkwe kaz u fl-aghar ipotesi ghalih (5) l-attur ghandu jipprova b'mod shih x'titolu ghandu fuq l-istess proprjetà;

Semghet ix-xhieda ta' l-attur moghtija waqt is-seduti tas-27 ta' Ottubru 2003[1] u tal-11 ta' Ottubru 2006[2] u x-xhieda in kontro-ezami tieghu waqt is-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2010[3] u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol. 59 sa' 61 tal-process, a fol. 120 sa' 130 tal-process u a fol. 138 sa' 140 tal-process; ix-xhieda ta' Rosario Galea, rapprezentant ta' l-Ufficcju Kongunt, moghtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Novembru 2004[4] u tat-22 ta' Gunju 2009[5] u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol. 39 sa' 42 tal-process, a fol. 51 tal-process[6] u a fol. 87 sa' 91 tal-process; rat l-affidavit tan-Nutar Carmelo Lia a fol. 53 tal-process u semghet ix-xhieda in kontro-ezami ta' l-istess Nutar waqt is-seduta tat-18 ta' Marzu 2009[7], kif ukoll ix-xhieda tieghu meta riprodott mill-attur waqt is-seduta ta' l-10 ta' Dicembru 2009[8] u rat id-dokumenti minnu esebiti a fol. 102 sa' 111 tal-process; semghet ix-xhieda ta' Martin Bajada, rapprezentant tal-Kumissarju ta' l-Artijiet, waqt is-seduti tas-16 ta' Novembru 2009[9] u tat-28 ta' Jannar 2010[10]; u semghet ix-xhieda tal-konvenut waqt is-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2010[11];

[1] Fol. 17 sa' 19 tal-process.
[2] Fol. 58 sa' 59 tal-process.
[3] Fol. 141 sa' 143 tal-process.
[4] Fol. 34 sa' 38 tal-process.
[5] Fol. 85 sa' 86 tal-process.
[6] Vide verbal tas-seduta tat-2 ta' Mejju 2005.
[7] Fol. 82 sa' 83 tal-process.
[8] Fol. 111A sa' 111B.
[9] Fol. 97 sa' 100 tal-process.
[10] Fol. 131 sa' 132 tal-process.
[11] Fol. 144 sa' 146 tal-process.

Rat l-atti kollha tal-kawza u rat ukoll in-Nota ta' Sottomissjonijiet ta' l-attur u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut.

**Ikkunsidrat:**

Bl-azzjoni odjerna l-attur jitlob l-izgumbrament tal-konvenut mill-proprjetà li hija l-parti 5 ta' l-ghalqa "Tac-Ciaccar" kontrada tal-Bidni, limiti ta' Haz-Zabbar, li tmiss mal-proprjetà 4 Triq il-Bidni, Marsascala. L-attur jibbaza t-talba tieghu fuq l-affermazzjoni li l-proprjetà in kwistjoni tinsab imqabbla ghandu u l-konvenut qed jokkupaha bla titolu.

Il-konvenut jilqa' ghat-talba attrici bl-eccezzjonijiet illi: (a) l-Avviz huwa null stante li ma hemmx indikazzjoni preciza minn liema proprjetà l-attur qed jitlob l-izgumbrament tieghu; (b) il-proprjetà in kwistjoni giet koncessa lilu minn missieru Anthony Casha sabiex jghix fiha u jibqa juzaha sa' mewtu; (c) ilu jghix fl-imsemmija proprjetà ghal dawn l-ahhar sitta u tletin (36) sena; (d) akkwista l-istess proprjetà bis-sahha tal-preskrizzjoni akwizittiva bid-dekors ta' ghaxar snin u/jew tletin sena; u li (e) fi kwalunkwe kaz l-attur ghandu jipprova it-titolu li jippretendi li ghandu fuq l-istess proprjetà.

Qabel ma tghaddi biex tinvestiga l-mertu ta' l-azzjoni odjerna, il-Qorti ser titratta fil-qosor l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut.

Originarjament it-talba attrici kienet formulata fis-sens li l-konvenut jigi ikkundannat jizgombra fi zmien qasir u perentorju <u>mill-proprjetà li tmiss mal-proprjetà 4, Triq il-Bidni, M'Scala</u>, minnu okkupata bla titolu, meta din il-proprjetà hi mqabbla lill-attur. Notifikat bl-Avviz formulat b'dan il-mod il-konvenut issolleva l-eccezzjoni tan-nullità ta' l-istess Avviz stante li ma inghatatx indikazzjoni preciza minn liema proprjetà qed jintalab l-izgumbrament tieghu.

Fid-dawl ta' tali eccezzjoni l-attur talab u ottjena l-korrezzjoni ta' l-Avviz fis-sens li jizdiedu l-kliem *li hija parti 5 tac-Ciaccar, kontrada tal-bidni, Zabbar*, b' dana li t-talba

attrici issa giet fis-sens li l-konvenut jigi kkundannat jizgombra fi zmien qasir u perentorju mill-proprjetà li hija parti 5 tac-Ciaccar, kontrada tal-bidni, Zabbar, li tmiss mal-proprjetà 4, Triq il-Bidni, M'Scala, minnu okkupata bla titolu, meta din il-proprjetà hi mqabbla ghand l-attur.
Huwa evidenti li in segwitu ghall-korrezzjoni ta' l-Avviz l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut giet sorvolata u ma hemmx skop li tigi kkunsidrata ulterjorment, fatt dan rikonoxxut mill-istess konvenut fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu[12]. Ghaldaqstant, il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

In kwantu jirrigwarda l-mertu ta' l-azzjoni odjerna, il-konvenut jilqa' it-talba ta' l-attur bl-eccezzjoni li ghandu dritt jokkupa l-proprjetà in kontestazzjoni billi kienet giet koncessa lilu minn missierhom, Anthony Casha, illum mejjet, biex juzaha u jghix fiha sa' mewtu. Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jelabora fuq din l-eccezzjoni u jikkontendi li qed jokkupa l-proprjetà in kontestazzjoni b'titolu ta' kommodat koncess lilu minn missieru.

Mill-provi prodotti, u senjatament mix-xhieda tal-partijiet kontendenti stess[13], jirrizulta li l-konvenut verament kien beda jokkupa kamra fuq il-proprjetà in kontestazzjoni bil-permess ta' missieru. Jirrizulta wkoll li maz-zmien beda jokkupa iktar partijiet minn din il-proprjetà kif juru r-ritratti esebiti mill-attur a fol. 60 tal-process, izda ma huwiex car jekk dan sarx ukoll bil-permess ta' Anthony Casha jew inkella b'mod ghal kollox abbuziv da parte tal-konvenut.

Ghalkemm jirrizulta tali permess originali da parte ta' Anthony Casha, xorta wahda irid jigi determinat jekk dan jammontax ghal titolu ta' kommodat kif pretiz mill-konvenut.

---

[12] Punt Nru.1 tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-konvenut.
[13] Xhieda ta' l-attur waqt is-seduta tas-27 ta' Ottubru 2003, fol. 17 u 18 tal-process u xhieda tal-konvenut waqt is-seduta ta' l-1 ta' Gunju 2010, fol. 144 sa' 146 tal-process.

Mill-provi prodotti[14] jirrizulta b'mod car li l-proprjetà meritu tal-kontestazzjoni ma hijiex di proprjetà tal-familja Casha, izda hija proprietà ta' l-Ufficcju Kongunt, originarjament tal-Kurja, u din kienet biss imqabbla ghand Anthony Casha. Il-kwezit li jinsorgi minn dan il-fatt hu: jista' detentur ta' proprjetà b'titolu ta' qbiela jikkoncedi dik l-istess proprjetà jew parti minnha b'titolu ta' kommodat lil terz?

Ir-risposta ghal dan il-kwezit hi fin-negattiv billi huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li detentur ta' proprjetà, bhalma hi dik il-persuna li ghandha titolu ta' qbiela fuq proprjetà[15], in kwantu ghandu biss dritt personali fuq dik il-proprjetà ma jistax jikkoncediha b'titolu ta' kommodat favur terz[16].

Fid-dawl ta' dan ghalhekk hu evidenti li kontra dak pretiz mill-kovenut, il-permess ghall-okkupazzjoni li kien tah missieru ma jammontax ghal titolu ta' kommodat billi Anthony Casha, in kwantu detentur b'titolu ta' qbiela, kien guridikament prekluz milli jaghmel tali koncessjoni.

Ghalkemm l-okkupazzjoni tal-konvenut ma hijiex ibbazata fuq titolu ta' kommodat, tista' tkun ibbazata fuq titolu iehor li jaghtih id-dritt jibqa' hekk in okkupazzjoni? Ir-risposta ghal din il-mistoqsija wkoll hija fin-negattiv.
Billi l-konvenut inghata permess jokkupa l-proprjetà in kontestazzjoni minn missieru – u dan zgur ghal dak li jirrigwarda l-kamra fuq il-proprjetà jekk mhux ukoll partijiet ohra mill-istess proprjetà – fil-fehma tal-Qorti tali okkupazzjoni hi ibbazata fuq mera tolleranza in kwantu *il-kriterji biex wiehed jiddeciedi jekk hux il-kaz jew le ta' tolleranza li x'aktarx hija tacita u anzi prezunta, ghandhom jigu dezunti mir-rapporti ta' familjarità, ta' hbiberija, ta' rwol*

---

[14] Xhieda ta' Rosario Galea waqt is-seduti ta' l-1 ta' Novembru 2004, fol. 34 sa' 38 tal-process, u tat-22 ta' Gunju 2009, fol. 85 sa' 86 tal-process u dokumenti esebiti minnu a fol. 39 sa' 42, fol. 51 u fol. 87 sa' 91 tal-process. Xhieda ta' Martin Bajada waqt is-seduti tas-16 ta' Novembru 2009, fol. 94 sa' 100 tal-process, u fit-28 ta' Jannar 2010, fol. 131 sa' 132 tal-process.
[15] Geraldu Gatt v. Giuseppe Micallef, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' Novembru 1954, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta Vol. XXXVIIIA – i – 240.
[16] Carmen Mallia et noe v. Mario Spiteri, Appell Civili Nru. 733/01 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-9 ta' Novembru 2005.

*ta' avvicinat minn dak li komunement hu uzat li jsir f'pajjiz u minn kondizzjonijiet simili … izda l-prezunzjoni ta' tolleranza tkun verosimili f'kaz ta' attijiet importanti u gravi. B'mod illi huma atti ta' semplici tolleranza, dawk li jistghu jipprokuraw b'certu vantagg lil min jaghmilhom minghajr ma jikkagunaw danni apprezzabbli lil min issubihom[17].*

Din il-mera tolleranza però ma taghti ebda titolu lill-konvenut, la fuq il-kamra minnu originarjament okkupata u wisq inqas fuq il-partijiet l-ohra mill-proprjetà minnu sussegwentement okkupati, in kwantu huwa assodat fis-sistema guridika nostrali *colui che gode per mera tolleranza non ha nessun titolo, salvo un consenso del proprietario* [fil-kaz in ezami lanqas kunsens tas-sid izda biss tad-detentur b'titolu ta' qbiela] *che questi può ritirare da un istante all'altro*[18].

F'dan ir-rigward l-Artikolu 526 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *dawk l-atti li huma biss fakultattivi jew li jithallew li jsiru biss bil-bona grazzja ma jistghux jiswew ta' bazi ghall-ksib tal-pussess,* u fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Caruana v. Benedict Spiteri et, Citaz. Nru. 824/00** deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Marzu 2003 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004, inghad illi *huwa ovvju li din in-norma tal-ligi hi fondata fuq il-principju illi l-kortesija u l-bona grazzja ta' min ikun ikkonceda l-haga bi pjacir ma jkunx ta' dannu ghalih da parte ta' min ikun irid japprofitta ruhu billi jivvanta drittijiet proprji fuq il-haga. Ghax kif inhu insenjat 'it-tolleranza ma tattribiwixxi ebda dritt lill-parti wahda; u ebda obbligu konsegwenti u korrispettiv lill-parti ohra … u min igawdi minnha ma jkunx qed igawdi bi dritt, ghaliex in-natura taghha ma taqbilx mar-rabta legali li tnissel maghha n-necessità ta' l-adempiment' – Luigi Ellul et v. Roger Casha, Appell Civili, 13 ta' Marzu 1950[19].*

---

[17] Carmelo Farrugia v. Emanuele Ferriggi, Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XL – i – 534 u Mara Caruana v. Benedict Spiteri et, Citaz. Nru. 824/00 deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-26 ta' Marzu 2003 u konfermata mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.
[18] Mario Cuschieri et v. Angelo Cilia, Appell Civili Nru.635/02 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Jannar 2005.
[19] Kollezzjoni ta' Decizjonijiet tal-Qrati Superjuri ta' Malta, Vol. XXXIVA – i – 92.

Fid-dawl ta’ dan kollu ghalhekk it-tieni eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda.

Il-konvenut jikkontesta t-talba attrici b’zewg eccezzjonijiet ohra: (a) l-eccezzjoni li ilu joqghod u jirrisjedi b’mod regolari fil-proprjetà in kwistjoni ghal sitta u tletin sena; u (b) l-eccezzjoni li akkwista l-imsemmija proprjetà bil-preskrizzjoni akwizittiva ta’ l-ghaxar snin jew tat-tletin sena.

Fil-fehma tal-Qorti entrambe dawn l-eccezzjonijiet ghandhom jigu michuda.

Jibda biex jinghad li l-konvenut ma ressaqx prova sodisfacenti ta’ l-allegata residenza tieghu fil-proprjetà meritu tal-kontestazzjoni ghaz-zmien apprezzabbli ta’ sitta u tletin sena. Ghalkemm waqt is-seduta ta’ l-1 ta’ Gunju 2010 il-konvenut xehed illi *fiz-zmien meta jiena kien ghad kelli biss sitt snin missieri kien tellali kamra fuq ir-raba’ in kwistjoni … missieri kien qalli biex jiena nitrabba u nibqa’ nghix f’dik il-kamra … Jiena qatt ma tlaqt minn din il-proprjetà dejjem bqajt nghix hemmhekk. Jiena qatt ma tlaqt mill-fond, dejjem ghext hemmhekk u fil-fatt imbaghad izzewwigt u anke kelli zewgt itfal,* il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-veracità ta’ dak minnu affermat. F’dik l-istess xhieda l-konvenut ikkontradica ruhu fuq punt ferm importanti li fil-fehma tal-Qorti jimpingi serjament fuq il-kredibilità tieghu. In ezami huwa jghid illi fiz-zmien meta Anthony Casha kien bena l-kamra minnu sussegwentement okkupata, hutu l-ohra, inkluz l-attur, kienu ghadhom ma twieldux izda imbaghad in kontro-ezami rrizulta li huh l-attur huwa erba’ snin ikbar minnu!

Li rrizulta hu li saz-zmien meta nfethu l-proceduri odjerni, il-konvenut kien ilu jghix fil-kamra fuq il-proprjetà in kontestazzjoni madwar hmistax jew sittax il-sena[20], izda certament mhux sitta u tletin sena kif minnu allegat.

Apparte dan kollu però, anke kieku stess kellu jirrizulta li l-konvenut ilu jghix fuq il-proprjetà in kwistjoni ghaz-zmien

[20] Vide xhieda ta’ l-attur waqt is-seduta tas-27 ta’ Ottubru 2003, fol. 18 tal-process.

kollu li qed jghid hu, in-natura ta' l-okkupazzjoni tieghu xorta ma tinbidilx billi *atti ta' semplici tolleranza, ma jistghax iservu ta' bazi ghall-pussess, lanqas jekk ezercitat ghal zmien immemmorabbli*[21].

Il-fatt li l-konvenut qed jokkupa l-proprjetà meritu tal-kontestazzjoni b'mera tolleranza – jekk mhux addirittura abbusivament ghal dak li jirrigwarda partijiet ohra minnu okkupati matul iz-zmien – iwassal biex anke r-raba' eccezzjoni tieghu ghandha tigi michuda u dana billi huwa principju guridiku assodat fis-sistema nostrali li *l-koncessjoni ta' haga b'semplici tolleranza ma tistax taghti lok ghal sitwazzjoni possessorja u allura min jezercita attività fuq, jew fil-haga, ma jistax jirrikava l-ebda presunzjoni ta' xi pussess utili ghall-akkwist 'ad usucapionem' skond kif il-kelma 'pussess' tinsab imfissra fl-Artikolu 524 tal-Kodici Civili*[22].

Fi kwalunkwe kaz il-Qorti ma tistax tifhem kif il-konvenut ippretenda li din l-eccezzjoni qatt setghet tirnexxi meta huwa stess jibbaza d-difiza tieghu fuq it-titolu ta' kommodat u ai termini ta' l-Artikolu 2118 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *dawk li jzommu l-haga f'isem haddiehor jew il-werrieta taghhom, ma jistghux jippreskrivu favur taghhom infishom; bhal ma huma l-kerrejja, id-depozitarji, l-uzufruttwarji, u, generalment, dawk li ma jzommux il-haga bhala taghhom infishom.*

Ghaldaqstant, it-tielet u raba' eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut ghandhom jigu michuda wkoll.

In fine l-konvenut jeccepixxi li l-attur ghandu jipprova b'mod shih x'titolu ghandu fuq l-istess proprjetà.

Fil-fehma tal-Qorti mill-provi prodotti jirrizulta b'mod sodisfacenti li l-attur ghandu titolu ta' qbiela fuq il-parti 5 ta' l-ghalqa "Tac-Ciaccar" fil-kontrada tal-Bidni, limiti ta' Haz-Zabbar, liema titolu jaghtih id-dritt li jitlob l-

---

[21] Maria Caruana v. Benedict Spiteri, Citaz. Nru. 824/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.
[22] Maria Caruana v. Benedict Spiteri, Citaz. Nru. 824/00 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-24 ta' Marzu 2004.

izgumbrament ta' min ikun qed jokkupa l-proprjetà mqabbla ghandu bla titolu validu fil-Ligi[23].

Il-prova tat-titolu ta' qbiela ta' l-attur tirrizulta minn diversi dokumenti esebiti fl-atti processwali u mix-xhieda moghtija minn Rosario Galea, rapprezentant ta' l-Ufficcju Kongunt u minn Martin Bajada, rapprezentant tal-Kummissarju ta' l-Artijiet.

Huwa inkontestat li originarjament il-qbiela in kwistjoni kienet tghajjat lil Anthony Casha, missier il-partijiet kontendenti. Din il-qbiela però giet trasferita minn Anthony Casha u martu Mary Casha a favur l-attur permezz ta' skrittura privata datata 17 ta' Ottubru 1995[24]. Dan it-trasferiment minn fuq Anthony Casha ghal fuq l-attur ingieb a konjizzjoni tal-Kurja u sussegwentement ta' l-Ufficcju Kongunt, u gie minnhom accettat kif jirrizulta mill-fatt li r-ricevuti ghall-hlas tal-qbiela qed jinhargu f'isem l-attur[25].

It-titolu ta' l-attur fuq il-proprjetà in kwistjoni jirrizulta kkonfermat partikolarment mix-xhieda moghtija minn Rosario Galea waqt is-seduta tat-22 ta' Gunju 2009, fejn xehed illi *jiena illum gejt imharrek sabiex nixhed dwar il-qbiela fuq ghalqa tac-Caccar, kuntrada tal-Binni* [recte: Tal-Bidni]*, Haz-Zabbar u sabiex ingib id-dokumentazzjoni opportuna mieghi dwar l-istess qbiela. Prezentement il-qbiela hija registrata fuq certu John Mary Casha, karta ta' l-identità numru 136453M. Issa qed nigi mistoqsi dwar in-numru tal-files, dak tal-Joint Office huwa 4595/97, waqt li tal-Kurja huwa 970100010029. Skond ir-records taghna din hija qbiela in rigward ghalqa wahda u m'hijiex maqsuma. Hawnhekk ser nesebixxi issa d-dokumentazzjoni li gibt mieghi in vera fotokopja, l-ewwel wahda hija ittra mill-Arcidjocesi ta' Malta tas-7 ta' Frar tas-sena 2000. Hawnhekk hemm dikjarazzjoni li l-qbiela in kwistjoni hija fuq isem Antonio Casha, ma' din l-ittra hemm pjanta wkoll u l-ghalqa in kwistjoni hija murija bl-*

---

[23] Patri Gulju Bonnici noe v. Raymond Mifsud et, Appell Civili 633/92, deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Jannar 2003.
[24] Fol.88 tal-process.
[25] Dok. "A" anness ma' l-Avviz promotur, fol.2 tal-process u ir-ricevuta esebita a fol. 89 tal-process.

*ahmar. Ghandi kopja ta' ricevuta li turi illi l-qbiela thallas minn John Mary Casha, u mbaghad ghandi skrittura minn fejn jidher li l-qbiela giet imdawwra minn Antonio Casha u martu Mary Casha fuq isem John Mary Casha. Bhala reference number in rigward file fil-Kurja, in rigward din l-ghalqa kollha ghandi biss dak ir-reference number li ccitajt aktar 'il fuq*[26]*.*

B'hekk siccome l-attur irnexxielu jipprova b'mod sodisfacenti t-titolu tieghu fuq il-proprjetà meritu tal-kontestazzjoni, il-hames eccezzjoni tal-konvenut ghandha tigi michuda wkoll.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti qeghdha taqta' u tiddeciedi l-kawza billi, filwaqt li tiddikjara li mhux qed tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut, tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati mill-istess konvenut u minflok tilqa' t-talba attrici, tiddikjara li l-konvenut qed jokkupa l-proprjetà parti 5 ta' l-ghalqa "Tac-Ciaccar" kontrada tal-Bidni, limiti ta' Haz-Zabbar, li tmiss mal-proprjetà 4, Triq il-Bidni, Marsascala, bla titolu in kwantu din il-proprjetà hi mqabbla lill-attur, u tikkundannah sabiex fi zmien tlett (3) xhur dekoribbli mill-llum jizgombra mill-imsemmija proprjetà.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri jibqghu a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------

[26] Fol. 85 sa' 86 tal-process.